PR211593

**01/09/2021**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmijin prodotti **m'għandhomx jiġu kkunsmati għaliex instab li fihom ingredjent li huwa kkontaminat bl-Ethylene oxide.**

| | |
|---|---|
| **Prodott:** | Crema di Soia da Cucina (Soya based cooking creme) |
| **Ditta:** | Isola Bio |
| **Volum:** | 200ml |
| **Lott u Data tad-durabbiltà:** | Lott: 201203, Data: 03/12/2021 |




| | |
|---|---|
| **Prodott:** | Crema di Cocco da Cucina (Coconut based cooking creme) |

| | |
|---|---|
| **Ditta:** | Isola Bio |
| **Volum:** | 200ml |
| **Lott u Data tad-durabbiltà:** | Lott: 210305; Data: 05/03/2022 |




| | |
|---|---|
| **Prodott:** | Xarba bażi ta' lewż |
| **Ditta:** | Isola Bio |
| **Volum:** | 1 litre |
| **Lott u Data tad-durabbiltà:** | 201127; Data: 27/11/2021<br>210128; Data: 28/01/2022<br>210301; Data: 01/03/2022 |

210320; Data: 20/03/2022




L-Ethylene oxide huwa pestiċida li l-użu tiegħu fl-ikel mhuwiex awtorizzat fl-Unjoni Ewropea, iżda hu awtorizzat f'pajjiżi barra l-UE. Għalkemm il-konsum tal-prodott mhux ta' riskju immedjat, hemm riskju ikbar jekk ikel differenti li jkun ikkontaminat b'din il-kimika jittiekel għal perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, wieħed għandu jnaqqas kemm jista' jkun il-konsum ta' prodotti li jkun fihom din il-kimika, anke jekk f'livell baxx. Din it-twissija qed tinħareġ ukoll wara li kien hemm qbil bejn l-istati membri hekk kif irrappurtat fuq **https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-07/rasff_ethylene-oxide-incident_e410_crisis-coord_sum.pdf**

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.